**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISAGĦA 12 ta' FRAR, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsillieri, is-Sinjura Marisa Dámato, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **9.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 9.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Tiffany Ann Farrugia infurmat li ma tistax tattendi. Dok 1 mehmuż. L-appoloġija ġiet milqugħa. |
| | | |
| **9.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 9.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph DÁmato reġgħa staqsa fuq iż-żbir tas-siġar. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ż-żabra bdiet ftit ftit u x-xogħol miexi tajjeb. |
| | | |
| 9.2.2 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li hu mar f'Wied Fulija u fl-akwata m'hemmx terrapien biss imma hemm ħadid ukoll. Il-Kunsillier qal ukoll li kien hemm post fuq fb pages. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi mhux ser toqgħod tara u twieġeb ilmenti fuq fb, ġaladarba ma jkunux fuq il-fb page tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qabel mas-Segretarju Eżekuttiv. |
| | | |
| 9.2.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq punt 8.4.4, hemm il-bżonn li issa li ma ittieħdux passi sa minn 4 seduti ilu, jeħtieġ li l-Kunsill imur oltre. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Ministru kkonċernat minn dan il-qasam. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 9.2.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fuq punt 8.4.3 l-attivita ta' taħwil ta' siġar saret u kienet suċċess. Tħawlu 113 – il siġra u ser jibdew jissaqqu darba fix-xahar sakemm jaqleb it-temp. Kif jaqleb it-temp jibdew jissaqqew darbtejn fix-xahar.<br><br>Is-Sindku qalet li dak inhar tal-attivita, ġew il-camera persons tan-Net TV minħabba li ġabithom persuna li qalet li ridet tagħmel reklam fuq siġar għall-attivita' personali tagħha, mingħajr ma infurmat lil ħadd. Is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti waqqfu dan l-għaġir minħabba li din l-attivita' kienet purament tal-Kunsill u mhux privata.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato jaf persuna li tmur issaqi bla ħlas, ġaladarba jkollha l-ilma. |
| | | |
| 9.2.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa fuq iż-*zebra crossing* ta' Vjal l-Indipendenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġgħa tibgħat *reminder*. |
| | | |
| | | |
| 9.2.6 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmien seduta. |
| | | |
| ***9.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 9.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li tixtieq tibgħat ittra lill-Onor Perit Tony Bezzina biex il-Kunsill jixxtieqlu fejqan ta' malajr. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 9.3.2 | | Is-Sindku qalet li ma tixtieqx li meta jsir appuntament ma entita jew persuni oħra, hi ma tkunx infurmata. Hi qalet li għandha tkun dejjem infurmata minn qabel ma jsir l-appuntament, ħalli jekk tkun tista bħala Sindku tattendi. |
| | | |
| 9.3.3 | | Is-Sindku qalet li fuq fb kull darba li tippostja xi affarijiet li qed jagħmel il-Kunsill dejjem niżżlet l-isem tal-Kunsillier li jkun ippropona tali proġett/attivita, imma minn għada mhux ser tibda issemmi l-ismijiet tal-Kunsilliera għax qed ikollha ħafna ilmenti privati mill-istess kunsilliera, saħansitra anke tgħeddid.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hemm bżonn persuna staff biex tieħu ħsieb il-marketing tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li wieħed irid jagħti kredtu lis-Sindku li kull irqaqat qed issemmiegħom fil-fb page tagħha u din qed tmur oltre, għax qed tidentifika lill-Kunsillier li jkun ipproponiha.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li dan qed isir għax il-fb page tal-Kunsill hi fqira u tippubblika biss posters tal-attivitajiet, minflok ix-xogħol li qed isir. Hu ppropona li r-ritratti tax-xogħlijiet li jsiru jiġu ppubblikati fuq il-fb tal-Kunsill u l-kunsillier jixxerjaw dak il-post. Hu ppropona li kull Kunsillier li jagħmel jew jieħu ħsieb xi proġett, għandu jieħu ritratti u jibgħathom lill-Kunsill. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li veru l-fb page tal-Kunsill hi fjakka u hi taf persuni li jieħdu ħsieb dawn it-tip ta' paġni bi ħlas.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ppropona li titqabbad persuna privata biex tieħu ħsieb il-paġna tal-Kunsill u titħalas għalhekk biss. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Wara diskussjoni s-Sindku qalet li hi ser tkompli tagħmel dak li qed tagħmel imma mhux ser tirrispondi l-messaġġi privati li qed tirċievi u minn tgħeddied mill-istess kunsilliera.<br>Kien hemm qbil li fuq fb tal-Kunsill jibdew jitniżlu x-xogħlijiet li qed isiru fiż-Żurrieq. |
| | | |
| ***9.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 9.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li fis-seduta li għaddiet semma tiġrija fiż-Żurrieq, minn informazzjoni li għandu din it-tiġrija ser tkun Duathlon u ser tkun fi Vjal il-Blue Grotto u t-triq sa fuq il-Ħnejja. Hu qed jitlob li jkollhom permess tal-għeluq tat-toroq ikkonċernati. Din ser issir fis-26 ta' April.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jissuġġerixxi li ġaladarba ser issir fiż-Żurrieq, il-Kunsill għandu jagħmel preżentazzjoni tat-torfew, jekk ma jsirx hekk ma jaqbilx li issir fiż-Żurrieq.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill taż-Żurrieq jissemma fl-attivita' u min ser jieħu ħsieb l-attivita, jinforma lill-Kunsill uffiċċjalment b'email u jitlob il-permessi lill-Transport Malta u lill-Pulizija. |
| | | |
| 9.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa fuq id-dustbins li tneħħew mill-misraħ. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ser iressaq is-suġġeriment lill-Ministru biex forsi inġibuhom bla ħlas.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa fuq iżjed tabelli ta' infurzar fuq il-Ġnien tal-Ġibjun. Kien hemm qbil li jiġu ordnati aktar tabelli.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li Triq Dun Gwann Camilleri qed joqgħod ħafna ilma għalkemm it-triq hi ġdida. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu u s-Sindku għandhom laqgħa mal-perit ta' Transport Malta u ser iressqulu dan l-ilment. |
| | | |
| | | |
| 9.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li fl-14 ta' April, ser issir laqgħa oħra ta' agrikoltura fuq żbir ta' siġar. Kien hemm qbil fuq dan. Il-poster ser tieħu ħsiebu hi u tgħaddih lill-Kunsill kif għamlet fl-attivita' ta' qabel. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 9.4.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li s-Sur Mario Coleiro jixtieq jippreżenta proġett ta' Hydroponics fl-iskola Primarja taż-Żurrieq. Kien hemm qbil li dan il-proġett jiġi diskuss mal-Kap tal-iskola u dan il-punt jerġa jiġi mitkellem fis-seduta li jmiss. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Marisa D'Amato tmur f'laqgħa li għandu l-Kunsillier Kaydem Schembri mal-kap tal-iskola biex tipproponi dan il-proġett. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 9.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato semmiet li hemm bin tal-klieb fi ġnien ta' Triq Fra Gan Marie Zammit. Kien hemm qbil li jiġi spustjat fuq barra 'l ġnien. |
| | | |
| 9.4.6 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet jekk is-cctv tal-Misraħ hux qed taqbad lill-vetturi li jitilgħu *wrong way*. Kien hemm qbil li din qed taqbad tali kontravenzjonijiet. |
| | | |
| 9.4.7 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-Kunsill applika għal fondi fuq cat cafe u dawn għalkemm ġew approvati, l-permessi ma ħarġux mill-awtoritajiet.<br>Kull m'hawn Malta huma żewġ cat cafe li huma f'San Ġijan u f'Tas-Sliema.<br>Jekk ħadd mill-Kunsill mhu ser jaqbel li jsir cat cafe fejn ikun hemm żamma ta' qatates u jkunu jistgħu jarawhom in-nies, il-Kunsill jista jinjora l—proġett tal-cat cafe u jagħmel bħal oħrajn u bħal ma għandu l-istess Kunsill billi jsiru cat houses biss.<br>Ma jistax ikun hawn cat cafe fl-imwarrab minħabba l-moħqrija tal-istess qtates.<br><br>Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb email lill-Ministru inkarigat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fuq dan u jintalab appuntament.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li saru tubi fi Triq l-Imqabba biex jitneħħa l-inkonvenjent tal-konteNituri mit-triq, imma hemm persuna li ser tibqa twebbes rasha u ser tibqa tpoġġi konteNituri fit-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsillier inkarigat mill-annimali Marisa D'Amato ser tkellmu personali. |
| | | |
| 9.4.8 | | F'dan il-punt saret mozzjoni mill-Kunsillier Marisa D'Amato biex punti 9.6b u 9.6c jiġu mitkellma issa. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Dino Bonnici. Kien hemm qbil fuq dan |
| ***9.6b*** | | ***Ċittadin Ewlieni/ Ġieħ iż-Żurrieq*** |
| | | |
| 9.6b.1 | | Is-Sindku proponiet nies li tixtieq li joqgħodu fil-bord tal-kumitat tal-għażla taċ-Ċittadin Ewlieni/Ġieħ iż-Żurrieq. Il-lista tinsab mehmuża dok 2.<br><br>Ma kienx hemm qbil fuq l-ewwel żewġ persuni minħabba li ser ikunu innominati għal-ġieh minn Kunsilier. Kien hemm qbil li ser ikunu innominati tnejn oħra. |
| | | |
| ***9.6c*** | | ***Jum iż-Żurrieq/ Festa Ħut*** |
| | | |
| 9.6c.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi u l-Kunsillier Kyle Mifsud qed jipproponu li l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq isiru fuq tliet ijiem.<br><br>Dan hu dak li qed jipproponu:<br>• Is-Sibt ssir attivita' bil-palk (iħares lejn iz-zuntier tal-knisja) biex isir speċi ta' disco/kunċert għaż-żgħażagħ – dan isir tal-11 ta' filgħaxija. Fil-bidu tal-attivita ser jkun hemm djs miż-Żurrieq u wara jkun preżenti Dj Ryan Spiteri li ser jieħu 150Euro kull siegħa. Kien hemm qbil fuq dan. Issemmew diversi dati. Id-dati għad iridu jkunu iffissati minħabba l-attivitajiet tal-praċett, iż-żjara tal-Papa f'Malta u l-ġirja li ser issir fiż-Żurrieq.<br>• Il-Ħadd issir festa ħut. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • U f'ġurnata oħra issir ċ-ċerimonja tal-għoti tal-ġieħ u ċittadin ewlieni.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fit-20:15. |
| | | |
| | | |
| 9.4.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kellu suġġeriment:<br>• biex issir sleeping policeman fi Triq il-Mitħna. Kien hemm qbil jekk iġib permess mir-residenti tal-viċin, tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Fuq it-trakkijiet li jgħaddu minn Triq Ħal Far – jeħtieġ li l-Kunsill jibgħat żewġ wardens imqar darba/darbtejn fix-xahar biex jagħti taħrikiet lit-trakkijiet li jgħaddu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Bin fi Vjal l-Inidpendenza fejn bus stop qed joħloq inkonvenjent għal persuni li jużaw il-bankina. Kien hemm qbil li jitneħħa u jitwaħħal f'post ieħor. |
| | | |
| 9.4.9 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu flimkien mas-Sindku identifikaw 7 postijiet ta' artijiet fejn tista issir dar għall-anzjani. Hu ppropona li timtela applikazzjonijiet biex jinfurmawna liema artijiet minn dawn individwati jkunux jistgħu jibnu fuqha.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill jista jidħol f'partnership fuq night shelter. Il-Kunsill għandu jindaga fuq dan il-proġett għax jemmen li hawn min lest li jidħol għal dan il-proġett. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qablet mas-suġġeriment. |
| | | |
| 9.4.10 | | Il-Kunsilier Joseph D'Amato qal li 27ta' Jannar 2020 il-Kunsill tal-Mosta weħel madwar 27elf għax mara weġġħet f'ħofra tal-festa u għalhekk il-Kunsill għandu jieħu ħsieb ħafna dawn li dawn it-tip ta' ħofor jitattew kemm jista jkun malajr.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta fid 20:45. |
| | | |
| 9.4.11 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Li bus stop fi Triq Bubaqra hemm bżonn li jitneħħa għax jinsab quddiem remissa. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa kitbet fuq dan lil min hu ikkonċernat.<br>• Biex Triq San Martin issir li jistgħu jgħaddu r-residenti tat-triq biss. Ma kienx hemm qbil.<br>• Identifika art tal-Gvern fejn l-open centre fejn bħalissa mhix miżmuma tajjeb. Hu ssuġġerixxa li jsir fence madwar din l-art u jitpoġġew bankijiet u siġar. Dawn ser jiġu sponsorjati minn resident Ġermaniż. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Jitħawlu siġar għan-nom min ikun twieled. Il-Kunsillier Marisa D'Amato issuġġeriet li min imut u jiġi inkremat jitpoġġa taħt siġar u jsir l-isem tagħhom mas-siġar.<br>• l-iscouts jibdew jiġu jsaqqu s-siġar li tħawlu |
| | | |
| 9.4.12 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li ssir cctv fi Vjal ix-Xarolla minħabba sewqan eċċessiv fl-akwati. Is-Segreetarju Eżekuttiv kitbet fuq dan ir-rigward imma ma ġiex mgħoti permess. |
| | | |
| 9.4.13 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li hemm bżonn li ssir sleeping policeman fi Vjal ix-Xarolla. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk jaqblu tliet residenti tal-viċinanzi inkunu nistgħu nitolbu l-approvazzjoni ta' TM biex issir quddiemhom. |
| | | |
| | | |
| ***9.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***9.5a*** | | ***Unaudited financial statements*** |
| | | |
| 9.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti tal-unaudited financial statements li ħejjiet l-accountant tal-Kunsill, għall-approvazzjoni. Dan ġie apporvat biex jintbgħat. |
| | | |
| | | |
| ***9.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 9.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a)*** Hemm bżonn li terġa issir ordni oħra għal bnadar taż-Żurrieq, ħalli jkollna għal Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jiġu ordnati mitt bandiera.<br>***b)*** Inġabret stima ta' basktijiet tad-drapp, bl-arma tal-Kunsill, biex jintużaw minflok basktijiet tal-plastik. L-orħos stima hi ta' 3,630Euro għall-7,000 basket. Il-Kunsillier Kaydem Schembri ser jpprova jġib fondi għalihom.<br>***c)*** Hemm bżonn li jsir restawr tas-salib tad-dejma li hemm Ħal Millieri. L-istima miġbura mingħand il-kuntrattur li ħadem fil-post hi ta' 425Euro eskluża l-vat.<br>***d)*** Hemm bżonn li jiżdied il-gravel għall-ammont ta' 900Euro eskluża l-VAT, u taraġ għal ġol kappella li jkun aċċessibbli għan-nies għall-ammont ta' 800Euro eskluża l-VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waqt laqgħa mal-Onor. Ministru Julia Portelli ġie aċċettat li ser tgħin permess tal-Ministeru tagħha. Kien hemm qbil li jsir l-ordni għax-xogħol. Is-Sindku qalet li ser ikollha laqgħa mas-Sur Tony Mangion li |

| | | |
|---|---|---|
| | | jieħu ħsieb il-kappella u ma' Din l-Art Ħelwa flimkien ma rappreżentanti tal-Ministeru. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li waqt il-laqgħa li saret mal-Onor. Ministru Julia Farrugia Portelli tkellmet biex issir sistema biex l-alfreski jkunu ikkultivati bin-nuqqas ta' umdita b'sistema li bħalissa tinsab fil-MUZA u b'hekk tali affreski jkunu jistgħu jidgawdew minn min iżur il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob l-għajnuna tal-istess Ministeru li lest li jgħati l-għajnuna tiegħu fuq Ħal Millieri.<br>***e)*** Talba biex isiru poles mal-etiebi ta' residenti fi Triq iċ-Ċombini, fejn ir-ritratt mehmuż. Kien hemm qbil li jintalab permess minn TM fuq dan.<br>f) Il-Vet ta'Triq il-Kittinija jrid li jkollu parkeġġ riservat għall-klijenti – bażikament bejn il 11:00am – 12:30 u bejn il-17:00 u 19:00 kuljum. Ma kienx hemm qbil, minħabba servizzi oħra simili m'għandhomx.<br>g) Is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina qed titlob permess biex is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti jorganizzaw ġirja 5k madwar iż-Żurrieq nhar il-Ħadd 24 ta' Mejju, 2020. Kien hemm qbil fuq dan, bil-kundizzjoni li fir-reklamar tagħhom il-kunsill ikun inkluż u li l-Kunsill jippreżenta trofew waqt l-attivita.<br>h) Transport Malta ssuġġerew traffic management ġdid lejn Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li dan il punt jitressaq f seduta ohra.<br>i) Sid ta'kafettarija f'Hal Safi jrid li jagħmel reklam fuq il-'U' bars li hemm fi Triq Bronja k/m Triq Sant Andrija. L-ispiża ta' dawn il-'U' bars ammontat għall 600Euro. Din il-persuna lesta li tħallas dan l-ammont kull sena. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 9.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fis-seduta preċedenti kienu tqajmu dawn it-talbiet, u kien hemm qbil li jerġgħu jitressq fis-seduta tal-lum:<br>***a)*** Qed jintalbu flexible bollards fi Vjal il-Blue Grotto fejn hemm il-ħwienet tal-pastizzi u detergents. Saret laqgħa mal-Perit u ġie ssuġġeriet li biex jonqos l-inkonvenjent bl-inqas spejjeż possibbli, hi li t-triq kollha ssir direzzjoni waħda u l-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat. Ser jerġa jitressaq dan il-punt f'seduta oħra.<br>***b)*** Fir-rigward tal-Contract Manager, id-Dipartiment ta linja gwida li jista jkun impjegat fuq bażi part time jew bir-reduce hours. Kien hemm qbil li noħorġu l-avviżi għal impjegat part time fuq bażi ta' 10 siegħat fil-ġimgħa. |
| | | |
| | | |
| ***9.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 9.6.1 | | Dan il-punt issemma f'punt ieħor aktar ' l quddiem. |
| | | |
| | | |
| ***9.6d*** | | ***Periklu fl-Entratura taż-Żurrieq*** |
| | | |
| 9.6.d.1 | | Qed ikun hemm ilmenti fuq it-traffic management li sar fi Vjal il-Blue Grotto minn Infrastructre Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti lill-awtorita'. |
| | | |
| ***9.6e*** | | ***Cat Cafe'*** |
| | | |
| 9.6e.1 | | Dan il-punt ġie msemmi f'punt aktar 'il quddiem. |
| | | |
| ***9.6f*** | | ***Dar tal-Anzjani*** |
| | | |
| 9.6f1 | | Dan il-punt ġie msemmi f'punt aktar 'il quddiem. |
| | | |
| ***9.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 9.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 100, tar-Reġjun Nofsinhar numru 30. |
| | | |
| ***9.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 9.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta'**€46,511.20.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kaydem Schembri u Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***9.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 9.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:05. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _11_____ ta' Marzu, 2020.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**